# 70 sena minn delitt fil-festa ta' San Gejtanu u l-qtil taż-Żuż

Keith Micallef

Kien il-Ħadd 11 t'Awwissu tal-1946, eżattament 70 sena ilu meta l-festa ta' San Gejtanu kienet l-isfond ta' traġedja li fiha Ġużè Bezzina kien inqatel waqt ġlieda li kienet saret dakinhar wara nofsinhar waqt il-marċ ta' filgħodu.

Il-vittma magħruf bħala t-Tuneżin, kien instab mitfugħ fl-art f'agunija fl-inħawi ta' Triq Sant Antnin fil-Blata l-Bajda. Ftit minuti wara li kien ittieħed l-isptar fejn illum hemm l-Istitut Vincenzo Bugeja f'Santa Venera, kien miet minħabba l-ġrieħi gravi li kien ġarrab. Kien għall-ħabta tat-3pm.

Mill-ewwel investigazzjonijiet kien tfaċċa l-isem ta' Ġużeppi Darmanin, magħruf bħala ż-Żuż, raġel ta' 41 sena mill-Ħamrun li kien magħruf sew mal-pulizija u anki ma' dawk li llum huma mdaħħlin fiż-żmien. Jirriżulta li nhar il-festa għall-ħabta tas-2pm, il-vittma flimkien ma' ċertu Manwel Spiteri kienu għaddejjin fi Triq Sant'Antin li tinsab fl-inħawi tal-Blata l-Bajda kantuniera ma' Triq is-Santissima Trinità, u sejrin fid-direzzjoni ta' Triq il-Kbira San Ġużepp. F'ħin minnhom iż-żewġt irġiel li kienu ilhom jixorbu minn filgħodu, iltaqgħu ma' Emmanuel Darmanin, ta' 31 sena li kien jiġu ħu ż-Żuż, waqt li kienet ħiereġ minn ħanut.

Jidher li ż-żewġt irġiel kienu tlewmu xi żmien qabel u kif ngħidu kellhom lanżita għal xulxin. Mhux eskluż li Darmanin kien ħareġ minn jeddu biex jikkonfronta lil Bezzina, iżda hekk kif dan tal-aħħar lemħu ma ħasibhiex darbtejn, mar fuqu u xarrablu daqtejn ta' ponn u waddbu fl-art. Il-ġlieda kompliet eskalat wara li Toni Bezzina, żagħżugħ ta' 21 sena li kien ħabib tal-aħwa Darmanin, inzerta fil-post u minnufih sejjaħ liż-Żuż u lil ħuh l-ieħor Paul Darmanin ta' 45 sena biex jassistu lil Emmanuel li kien għadu mixħut fl-art. Kif semgħu dan, marru jiġru lejn Sqaq Zimelli u xħin lemħu lil Bugeja tawh xebgħa. Il-vittma li ma tantx kien f'sensih sforz ix-xorb li kien ikkonsma dakinhar tal-festa, mill-ewwel spiċċa fl-art b'riżultat li sofra feriti gravi f'rasu. Mill-



*L-inħawi ta' Triq Sant'Antnin fejn kien inqatel Ġużè Bezzina*

awtopsja kien irriżulta li Bezzina miet wara 10 minuti li ttieħed l-isptar minħabba konkussjoni ċelebrali.

Dakinhar stess il-pulizija kienet arrestat lil aħwa Darmanin u lil Saliba, u l-għada tal-festa kienu ġew akkużati bil-qtil ta' Bezzina b'riżultat ta' feriti li kien sofra waqt ġlieda, bl-erba' akkużati jwieġbu mhux ħatja.

Fil-5 ta' Diċembru tal-istess sena kienu bdew għaddejjin ġuri quddiem l-Imħallef William Harding. Fil-każ taż-Żuż u ħuh Paul, il-prosekuzzjoni kienet talbet għal erba' snin ħabs, filwaqt li għat-tnejn l-oħra it-talba kienet ta' tliet snin ħabs.

Fil-kors tal-investigazzjonijiet il-pulizija kienet ħabbtet wiċċha ma' omertà kbira għax ħadd mill-ġirien, sew tal-vittma kif ukoll tal-akkużati ma ried jikser difru mal-aħwa Darmanin. Minn naħa tiegħu Spiteri, li kien mal-vittma ma kienx preżenti għall-ġuri għax kien imsiefer imma fl-istqarrija tiegħu kien qal li ma ra xejn għax hekk kif bdiet il-ġlieda ħarab.

Għalhekk il-provi tal-prosekuzzjoni ma kienux b'saħħithom għax ftit kienu dawk li kienu lesti jagħmlu stqarrija li b'xi mod setgħet tintuża kontra l-akkużati. L-unika persuna li kienet xehdet fil-kumpilazzjoni, ma reġgħetx għamlet dan fil-ġuri, minħabba li kien ippreżenta ċertifikat ta' dipressjoni akuta.

Fl-istqarrija tiegħu Emmanuel Darmanin kien qal lill-pulizija li wara li ġie aggredit mill-vittma, telaq jiġri u kien f'dan il-ħin li Bezzina tfixkel, waqa' fl-art, u tah daqqa ta' sieq. Minn naħa tiegħu iż-Żuż kien bidel il-verżjoni. Filwaqt li fil-bidu kien qal li ma kellu xejn x'jaqsam mal-każ, wara qal li kien ra l-ġlieda sseħħ imma ma kienx involva ruħu wara li trażżan minn martu.

Minkejja dan il-ġurati kienu sabu lill-erba' rġiel kollha ħatja wara biss 25 minuta jiddeliberaw. Iż-Żuż kien ikkundannat tliet snin ħabs, ħuh Paul sentejn u nofs, filwaqt li Toni u Emmanuel kien intbagħtu sentejn ħabs kull wieħed.

Is-sentenza kienet ibbażata fuq il-liġi ta' dak iż-żmien li kienet tgħid li f'każ ta' mewt waqt ġlieda, fejn ma jkunx ċar min kien l-awtur tad-delitt, dawk kollha involuti jkunu jistgħu jeħlu sa tliet snin ħabs kull wieħed.

Għaddew is-snin u l-isem ta' Joseph Darmanin reġa' kien fuq fomm kulħadd nhar it-3 ta' Ġunju ta' disa' snin wara, f'dak li sal-lum baqa' magħruf bħala l-qtil taż-Żuż.

Kif għidt iktar qabel, Darmanin, li issa kien jgħodd 48 sena kien raġel kemxejn magħruf u li ħadd ma kien jieħu pjaċir idendel kusu miegħu. Madankollu, bħal donnu, l-istorja ta' David u Gulija, sab kappell jiġih meta jum fost l-oħrajn daħal f'ħanut tax-xorb fi Triq Schembri, faċċata tal-każin tal-Ħamrun Liberty.

Kien għal ħabta tal-5.30pm meta ż-Żuż flimkien ma' raġel ieħor Ġużeppi Vassallo magħruf bħala s-Sigar, kienu daħlu f'dan il-ħanut, propjetà ta' ċertu Manwel Mercieca, ta' 44 sena, wara li kienu ilhom jixorbu f'diversi ħwienet oħra. Hekk kif daħal, iż-Żuż mar fuq Mercieca u mill-ewwel ħadha kontrih fuq argument li kellhom bejniethom jumejn qabel, meta sid il-ħanut tax-xorb li kellu wkoll ħanut ftit 'il bogħod li jbigħ il-basktijiet, kien fakkru li kellu xi dejn miegħu. Mercieca kien ilmenta maż-Żuż li kellu jagħtih 17-il xelin (85 ċenteżmu), ta' kemm il-darba kien jixrob għandu, ma ħallasx u jitlaq 'il barra daqs li kieku ħadd ma kien jista' għalih.



16 THE SUNDAY TIMES

# DEATH OF "IZ-ZUZ"

## Man Charged With Murder

SCENE OF THE FRIDAY AFTERNOON TRAGEDY at Hamrun where Joseph Darmanin (Iż-Żuż) met his death. In the foreground, encircled by stones, is the blood-stained spot where Darmanin fell after being stabbed in the wine shop, seen on the right of the picture, with its doors closed.

EMMANUEL MERCIECA, 44, of Hamrun, a basket maker by trade and at present the owner of a wine shop in Schembri Street, Hamrun, yesterday morning appeared before Magistrate Dr. G. F. Gouder, charged with the murder of Joseph Darmanin, "Iż-Żuż," 48, also of Hamrun. Mercieca pleaded not guilty.

It was stated in Court that Darmanin had an incision one-and-a-half inches wide on the left side of his chest.

Court ordered an inquest in the place of the alleged murder, which was carried out later in the morning. Mr. A.E. Vassallo, A. & C.E., was appointed by the Court to act as expert.

At 3 p.m., the post-mortem examination was held at St. Luke's Hospital by Professor George Xuereb, Dr. V.T. Camilleri, and Dr. E. Licari.

It is believed that after being stabbed, Darmanin staggered out of the wine shop and fell in the roadway. He was rushed to St. Luke's Hospital in a police vehicle.

### Knights of St. Columba

THE monthly Benediction and service for English-speaking Catholics will be held this evening at Sarria Church, Floriana, at 6.15 p.m. The preacher will be Father J. K. Strachan, S.J.

The Council Meeting of the Knights of St. Columba will be held tomorrow evening at 6.30 p.m., at the Boy Scouts Headquarters, Floriana.

Solution to Crossword

### Migrant Movements

*Il-qtil ta' Ġużeppi Darmanin magħruf bħala ż-Żuż li kien ingħata prominenza mill-gazzetti ta' dak iż-żmien*

"Ġuż, ma jistax ikun li tordna x-xorb u ma tħallasx għax jien għandi familja x'inmantni u kif qed tara jien għaddej b'xogħol ieħor u ma nistax nibqa' sejjer hekk. Id-dejn li għandek naħfirulek imma minn issa 'il quddiem trid tibda tħallas," kien qallu Mercieca.

Il-kwistjoni dehret li kienet magħluqa meta Darmanin ftit tal-ħin wara ġie lura u ħallas id-dejn tiegħu.

Madankollu iż-Żuż kien ħadha bi kbira li Mercieca kien sa ċertu punt umiljah għall-mod kif kien waqqfu meta kien għaddej minn quddiem il-ħanut tiegħu u ġibidlu l-attenzjoni tad-dejn li kellu. Kif għidna, jumejn biss wara Darmanin mar il-ħanut tax-xorb ta' Mercieca u l-ewwel ħaġa li qallu kienet "Int ksirtni".

"Għala? Jien qed nipprova naqla lira," wieġbu Mercieca.

Sid il-ħanut tax-xorb kien irrakkonta li kif qal dan il-kliem ħarab 'il barra minħabba li ż-Żuż kien diġà refa' jdejh biex jibda jagħtih. It-tilwima li seħħet quddiem ħanut nies, kompliet barra, wara li allegatament Darmanin kien ħataf lil Mercieca minn sidru, waqt li oħrajn kienu qalu li kienu ppruvaw irażżnu liż-Żuż biex jikkalmaw is-sitwazzjoni.

F'ħin minnhom, meta ż-żewġt irġiel kienu barra Mercieca ħareġ mus żgħir u nifed qalb Darmanin. Fl-isfond ta' dan kollu iben Mercieca kien mar l-għassa tal-pulizija jilmenta li missieru kien qed jiġi aggredit minn Darmanin. Madankollu sakemm il-pulizija waslet fil-post kien tard wisq għax sabu liż-Żuż jieħu l-aħħar nifsijiet tiegħu, waqt li indika lis-surġent tal-pulizija lejn id-daqqa ta' mus li kien sofra. Darmanin miet ftit tal-ħin wara fi triqtu lejn l-Isptar San Luqa.

Fl-istqarrijiet tiegħu lill-pulizija Mercieca kien ilmenta li Darmanin, li sa ftit ġimgħat qabel kien għamel żmien l-Ingilterra, kien ħadha drawwa li jidħol fil-ħanut tiegħu u jinfexx jidgħi b'riżultat li jgerrex lil klijenti kollha li jkollu, b'detriment finanzjarju. Madankollu fil-kors tal-investigazzjonijiet l-arma tad-delitt baqgħet ma nstabitx, b'Mercieca jgħid li kien remiha.

Ftit tax-xhur wara, eżattament f'Ottubru tal-1955 Mercieca kien beda għaddej ġuri, mixli bi qtil volontarju - akkuża li għaliha l-prosekuzzjoni kienet qed titlob il-forka, li dak iż-żmien kienet għadha permissibbli f'Malta. L-imħallfin Sir Luigi Preziosi, William Harding u Anthony Montanaro-Gauci kienu qed jippresiedu l-ġuri.

L-uffiċjal prosekutur l-avukat Maurice Caruana Curran kien spjega li l-evidenza tagħhom kienet primarjament fuq tlett livelli - provi mediċi, stqarrijiet tax-xhieda u l-investigazzjonijiet tal-pulizija. Il-ġuri kien dam biss jumejn u fi tmiemu Mercieca, ma kienx instab ħati ta' qtil volontarju imma li mar lil hinn mid-difiża leġittima tiegħu innifsu. Ta' dan kien intbagħat tmien snin ħabs.

Ta' min jinnota li l-avukat ta' Mercieca Joseph Flores kien qajjem eċċezzjoni għax kien sostna li fil-liġi Maltija ma kien hemm l-ebda piena f'każi ta' eċċess ta' difiża leġittima, u għalhekk kien talab li l-klijent tiegħu ma jingħata l-ebda piena. Madankollu l-Qorti kienet tat digriet li fih ċaħdet din l-eċċezzjoni għax sostniet li dan l-argument kellu jitqajjem qabel ingħatat is-sentenza.

Madankollu Mercieca kien skonta biss sena priġunerija għaliex kien ingħata maħfra.

**Riferenzi:**

Times of Malta
Attard Edward, Delitti f'Malta, BDL, 2001

*Għal kull xorta ta' ikel bħal ħut frisk, fenek u snacks bi prezzijiet moderati*

SMILEY'S

BAR & RESTAURANT

Marsalforn - Gozo • *Tel: 2155 3096*



*Ippruvana darba, żgur li terġa' tiġi!*

*By the Bus Stop, Marsalforn*